# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis, 12 ta’ Ottubru, 2023**

**Numru 5**

**Rikors Numru 166/22TA**

**Elain Vella (Karta tal-Identita’ numru 437277M) u Sonja Casha (Karta tal-Identita’ numru 80678M) għan-nom u in rappreżentanza tal-minuri Miguel Angelo Vella Casha (Karta’ tal-Identita’ numru 446808L)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ Elaine Vella u Sonja Casha ghan-nom u in rappresentanza tal-minuri Miguel Angelo Vella (l-Atturi nomine) tat-2 ta’ Awwissu 2022 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. “Illi r-rikorrenti nomine Elain Vella u Sonja Casha huma l-ġenituri adottivi ta’ l-iben minuri bl-isem uffiċjali ta’ Miguel Angelo Vella Casha li twieled fil-Portugal fl-20 ta’ Lulju 2008 u dan hekk kif jirriżulta mill-Att ta’ Adozzjoni anness ma’ dan ir-rikors bin-numru ta’ reġistrazzjoni ‘2330’ tas-sena 2018 (**Dok. A**);

2. Illi fir-Reġistru tal-Persuni Addottati l-imsemmi minuri ingħata l-isem “Miguel Angelo” bħala l-isem li bih kellu jissejjaħ, iżda, sa minn qabel

ir-rikorrenti nomine ltaqaw mal-minuri lura fis-sena 2018 u ċioe' meta l-minuri kellu disgħa (9) snin, l-istess minuri kien beda jirreferi għalih innifsu bħala "Michael", isem li bih konsistentement baqa' jiġi msejjaħ bih anke mill-familja tiegħu, kif ukoll minn qrabatu, sħabu, professjonisti li jsegwuħ, u mill-iskola fejn jattendi.

3. Illi l-esponenti għandu interess li r-Registrazzjoni tal-Addozzjoni tiegħu fir-Reġistru tal-Persuni Addottati kif ukoll l-Atti l-oħrajn kollha li huwa jista' jkollu fil-futur, ikunu jirriflettu l-isem li hu u l-familja tiegħu konsistentement jużaw bħala l-isem li bih jissejjaħ u hu magħruf u cioe' l-isem "Michael" minflok "Miguel Angelo";

4. Illi għalhekk l-esponenti qiegħdin jipproċedu sabiex l-isem "Michael" jiġi reġistrat fuq ir-Registrazzjoni tal-Addozzjoni tal-minuri fir-Registru tal-Persuni Addottati minflok l-isem "Miguel Angelo" li jidher annotat f'kolonna numru tlieta (3) intestata "Isem u Kunjom tal-Persuna Addottata", u dana a tenur tal-Artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponenti nomine umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti, wara li ssir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jogħġoba:

1. Tiddikjara li l-minuri Miguel Angelo Vella Casha kien u għadu konsistentement imsejjaħ u magħruf bħala Michael Vella Casha ;

2. Tordna illi l-isem "Michael" jiġi reġistrat fuq ir-Reġistrazzjoni tal-Addozzjoni tal-minuri fir-Reġistru tal-Persuni Addottati minflok l-isem "Miguel Angelo" li jidher annotat f'kolonna numru tlieta (3) intestata "Isem u Kunjom tal-Persuna Addottata";

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel id-debita korrezzjoni fir-Reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Addotatti bin-numru elfejn tliet mija u tletin (2330) tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fl-isem tal-minuri kif inhu mniżżel fir-Reġistru ta' Persuni Addottati flimkien ma' kunjomu.

4. Tordna illi l-Atti oħrajn kollha li huwa jista' jkollu fil-futur ikunu jirriflettu l-isem li hu u l-familja tiegħu konsistentement jużaw bħala l-isem li bih jissejjaħ u hu magħruf bih u cioe' "Michael" minflok l-isem "Miguel Angelo"

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (il-konvenut Direttur) tal-31 ta' Ottubru 2022 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

**1.** ”Illi preliminarjament, l-esponent umilment jirrileva illi **din l-Onorabbli Qorti mhix il-forum kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar it-talbiet attriċi** kif dedotti mir-rikors promotur, stante illi talbiet ġudizzjarji għall-korrezzjonijiet fl-atti irreġistrati mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandhom isiru quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili;

**2.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m’huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat promotur;

**3.** Illi l-esponent itenni illi huwa jżomm fermi l-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu, iżda fil-mertu huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti kompetenti, salv illi l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f’għajnejn il-liġi;

**4.** Illi fir-rigward tar-raba’ talba attriċi, li tikkonċerna l-atti li l-esponent jista’ jkollu fil-futur, qed jiġi sottomess illi l-esponent għandu biss kontroll fuq dawk l-atti li jsiru f’Malta, stante illi fir-rigward ta’ atti tal-istat ċivili li jinħarġu fl-esteru, kemm-il darba tintalab ir-reġistrazzjoni tagħhom f’pajjiżna, l-esponent huwa marbut li jirriproduċi *ad verbatim* l-informazzjoni riżultanti mill-atti esteri, *ai termini* tal-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**5.** Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**6.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.”

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta’ fatti**

Elaine Vella u Sonja Casha li qegħdin jidhru f’din il-Kawża nominee fl-interess tal-minuri Miguel Angelo Vella Casha, huma l-ġenituri adottivi tal-

imsemmi minuri u dan kif jirriżulta mill-Att ta' adozzjoni markat bħala Dok A mar-rikors ġuramentat.

Meta l-imsemmija adottaw lill-imsemmi minuri dan dejjem irrefera għalih innifsu bl-isem ta' Michael, isem li bih konsistentement baqa' jiġi imsejjaħ bih anke mill-familja tiegħu, kif ukoll minn sħabu, professjonisti u fl-iskola fejn kien jattendi.

Għalhekk b'din il-Kawża l-Atturi nominee qegħdin jitolbu li dan il-minuri dejjem kien magħruf bl-isem ta' Michael u llum bil-kunjom Vella Casha.

**Punti ta' liġi**

L-Atturi nominee qegħdin jagħmlu din il-Kawża abbażi tal-artikolu 253 (2) tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi hekk:

"*Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni tal-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv jew li huma mniżżla fir-Reġistru ta' Persuni Adottati bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa*."

F'dan il-Każ qiegħed jintalab li żewġ ismijiet Miguel Angelo jsiru Michael. Li huwa isem wieħed. Il-Qorti tagħmel referenza għas-Sentenza fl-ismijiet

**Maria Pia sive Pia Darmanin -vs- Direttur tar-Reġistru Pubbliku deċiża nhar il-14 ta' Lulju 2016,** fejn ċirkostanzi simili tibdil f'dan is-sens ġie ammess.

**Konsiderazzjonijiet**

Fil-mertu l-Atturi nomine għandhom jipprovaw għas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-minuri kien u huwa magħruf konsistentement bl-isem "Michael". Ġew esebiti numri ta' dokumenti u affidavits illi kollha jipprovaw li dan huwa minnu. Għalhekk fid-dawl ta' dawn il-provi din il-Qorti hija tal-fehma li l-Atturi nomine irnexxielhom jipprovaw li l-minuri huwa konsistentement magħruf u msejjaħ bl-isem "Michael". Dan ifisser li t-talba Attriċi hija ġustifikata kif trid il-Liġi.

Pero' l-Qorti tirrileva li kwantu għar-raba' talba, din hija waħda ipotetika u ma tistax tintlaqa'. Għalhekk fir-rigward ta' din it-talba il-Qorti ser tkun qed tilqa' ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut Direttur.

**Decide**

Għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** u tiddikjara li l-minuri Miguel Angelo Vella Casha kien u għadu konsistentement magħruf bl-isem ta' Michael Vella Casha;

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tordna li l-isem "Michael" jiġi reġistrat fuq ir-Reġistrazzjoni tal-Adozzjoni tal-minuri fir-Reġistru tal-Persuni Adottati minflok l-isem "Miguel Angelo" li jidher annotat fil-kolonna numru tlieta (3) intestata "Isem u Kunjom tal-Persuna Adottata";

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel id-debita korrezzjoni fir-Reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati bin-numru elfejn tlett mija u tletin (2330) tas-sena 2018 u fl-isem tal-minuri kif inhu imniżżel fir-Reġistru ta' Persuni Adottati flimkien ma kunjomu;

**Tilqa' ir-raba' eċċezzjoni** tal-konvenut Direttur u konsegwentement **tiċħad ir-raba' talba Attriċi**.

Fiċ-ċirkostanzi spejjes għandhom ikunu għall-Atturi nominee.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**